**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1051/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Fabio Vella**

**Illum 6 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Fabio Vella**, ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Francis Vella u Esther neè Sghendo, imwieled il-Pietà fis-7 ta' Awwissu 1991 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0391891(M), talli nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 bejn l-erbgħa u kwart ta' waranofsinhar (16:15hrs) u l-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs), ġewwa l-Lidl Supermarket ta' Triq id-Difiża Ċivili, il-Mosta, f'Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq ikkwalifikat bil-vjolenza sar kontra Pamela Macchia u sar għad-dannu ta' Lidl Supermarket, Mosta, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Pamela Macchia f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Pamela Macchia u cioè ferita ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Daniel Desira, Med. Reg. Nru. 4652;

3. Irrenda ruħu reċidiv ai fini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lil Fabio Vella jħallas id-danni ai termini ta' l-imsemmi Artikolu

15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Pamela Macchia billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Fabio Vella skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' l-imsemmija Pamela Macchia ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Fabio Vella jħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijie ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 9 sa' 13 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Pamela Macchia, b'Digriet datat 2 ta' Diċembru 2023[3];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Francesco Mizzi mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Diċembru 2023[4] u tas-27 ta' Diċembru 2023[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "FM1" sa' Dok. "FM4" a fol. 21 sa' 23 tal-proċess u a fol. 30 tal-proċess u Dok. "FMX" a fol. 60 u 62 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Francesco Gabriele[6], ta' Pamela Macchia[7], ta' PS1148 Adrian Zahra[8], ta' PC564 Isaac Schembri[9], ta' PC452 Robert Mercieca[10] u ta' Dr. Daniel Desira[11], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023 u rat id-dokument esebit minn PS1148 Adrian Zahra markat Dok. "AZ" a fol. 38 sa' 40 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Mattia Schiavone[12] u ta' PC1415 Brain Borg Ungaro[13] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn PC1415 Brian Borg Ungaro markati Dok. "RB" u Dok. "RB1" a fol. 55 u

---

[1] Dok. "A" fol. 9 tal-proċess.

[2] Fol. 8 tal-proċess.

[3] Fol. 14 tal-proċess.

[4] Fol. 19 u 20 tal-proċess u fol. 28 u 29 tal-proċess.

[5] Fol. 57 sa' 59 tal-proċess.

[6] Fol. 24 sa' 27 tal-proċess.

[7] Fol. 31 sa' 34 tal-proċess.

[8] Fol. 35 sa' 37 tal-proċess.

[9] Fol. 41 u 42 tal-proċess.

[10] Fol. 43 u 44 tal-proċess.

[11] Fol. 45 u 46 tal-proċess.

[12] Fol. 49 sa' 52 tal-proċess.

[13] Fol. 53 u 54 tal-proċess.

56 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Arthur Quintano mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2024[14] u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali[15], mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2024 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT5" a fol. 90 sa' 99 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 27 ta' Diċembru 2023[16], l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja;

Rat ir-Rapport ta' Andament ta' l-imputat ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud fit-12 ta' Jannar 2024[17];

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2024[18], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti wissietu bl-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża, minn liema ħareġ li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża jqisu li fil-każ in eżami jkun idoneju li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation sabiex jiġu indirizzati diversi problemi li huwa għandu fosthom, il-problema ta' abbuż ta' droga;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 bejn 16:15hrs u 17:00hrs, ġewwa l-Lidl Supermarket ta' Triq id-Difiża Ċivili, il-Mosta, f'Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq ikkwalifikat bil-vjolenza sar kontra Pamela Macchia u sar għad-dannu ta' Lidl Supermarket, Mosta, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra; (2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Pamela Macchia f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Pamela Macchia u cioè ferita ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Daniel Desira, Med. Reg. Nru. 4652; (3) Irrenda ruħu reċidiv ai fini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

[14] Fol. 83 sa' 86 tal-proċess.

[15] Fol. 88 u 89 tal-proċess.

[16] Fol. 47 tal-proċess.

[17] Fol. 74 sa' 81 tal-proċess.

[18] Fol. 101 tal-proċess.

Għall-ewwel l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda in segwitu, senjatament fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl tal-provi prodotti sa' dan l-istadju tal-proċeduri, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed jiġi mixli bihom l-imputat u li ġew minnu ammessi u ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga hekk kif jirriżulta mir-Rapport ta' Andament ta' l-istess imputat ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud fit-12 ta' Jannar 2024. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a), 262(1)(a)(2), 274(ċ) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess kif ukoll a bażi tal-provi prodotti, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi il-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li huwa għandu problema ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-intress li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga u l-ħajja ta' kriminalità, kif ukoll li jiġi protett il-pubbliku u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi mir-Rapport ta' l-Andament ta' l-imputat ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud fit-12 ta' Jannar 2024, jirriulta li l-istess imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, il-Qorti tqiegħed lill-imputat taħt

Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenakti fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Pamela Macchia. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Pamela Macchia, il-Qorti tastjeni milli tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi l-oġġetti li l-imputat seraq minn Lidl Supermarket ġew kollha esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri – Dok. "FM2" – il-Qorti tqis li l-istess jistgħu jintalbu lura bid-debita procedura, mill-istess Supermarket. Konsegwentement għalhekk tqis li f'tali ċirkostanza ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digrieti kollha annessi magħha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**